II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ottubru 2009

dwar il-ħatra tal-membri tal-grupp ta' djalogu għall-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumaturi stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 2007/602/KE

(2009/783/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/602/KE tal-5 ta' Settembru 2007 li twaqqaf grupp ta' djalogu għall-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumaturi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

(1) Il-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumaturi twaqqaf permezz tad-Deċiżjoni 2007/602/KE b'effett mill-10 ta' Ottubru 2007 biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-aħjar prassi fil-proċess ta' konsultazzjoni u jgħinha wkoll biex tadatta aħjar il-proċessi tagħha li jinvolvu l-partijiet interessati għall-ħtiġijiet tagħhom fl-oqsma msemmija hawn fuq.

(2) Il-Kummissjoni ħatret il-membri tal-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumatur bid-Deċiżjoni 2007/793/KE [2] b'effett mid-29 ta' Novembru 2007 mingħajr ma speċifikat it-terminu rispettiv tal-kariga tagħhom. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi deċiż liema membri għandhom jinħatru għal terminu ta' erba' snin ta' kariga u liema membri għandhom jinħatru għal terminu ta' sentejn ta' kariga skont l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2007/602/KE.

(3) Ċerti membri tal-grupp ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jtemmu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-aħħar ta' Novembru 2009. Biex tkun garantita l-kontinwità tal-attività tal-grupp huwa konsegwentement meħtieġ li t-terminu ta' kariga tal-bqija tal-membri jiġi ffissat għal erba' snin.

(4) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2007/602/KE, il-membri tal-grupp għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn fost speċjalisti b'kompetenzi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dik id-Deċiżjoni u li wieġbu għas-sejħa ta' espressjoni ta' interess.

(5) Ġiet ippubblikata sejħa għall-espressjoni ta' interess fil-11 ta' Mejju 2009 li għalqet fis-16 ta' Ġunju 2009 u waslu 56 applikazzjoni.

(6) Għaxar speċjalisti ġew identifikati mill-applikazzjonijiet li waslu bħala reazzjoni għas-sejħa ta' espressjoni ta' interess. L-esperjenza ta' dawn l-esperti fis-setturi kkonċernati tal-partijiet interessati tkopri b'mod ibbilanċjat l-oqsma tal-linji politiċi differenti tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumatur. Il-ħatriet għandhom isiru b'tali mod li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti u, konsistenti ma' dawn il-kriterji, l-akbar tqassim ġeografiku wiesa' possibbli fi ħdan il-Komunità, kif ukoll bilanċ bejn is-sessi,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Skont l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2007/602/KE, il-Kummissjoni b'dan tiffissal-mandat ta' erba' snin għal dawn il-membri li ġejjin tal-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati li jibda mid-29 ta' Novembru 2007 sad-29 ta' Novembru 2011:

BAX Willemien

BERTELETTI KEMP Florence

CZIMBALMOS Ágnes

[1] ĠU L 234, 6.9.2007, p. 13.
[2] ĠU L 320, 6.12.2007, p. 33.

DI PUPPO Roshan

GALLANI Barbara

GOUVEIA Rodrigo

KETTLITZ Beate

ROSS Melody

SHEPPARD Philip

TIDDENS-ENGWIRDA Lisette

Artikolu 2

Il-Kummissjoni b'dan qed taħtar bħala membri ġodda tal-grupp ta' djalogu tal-Partijiet interessati għal terminu ta' kariga ta' erba' snin sħaħ, lil:

CEPONYTE Zita

GRUNER Bernd

HERVE Maryse

KOSINSKA Monika

KUTIN Breda

LOGSTRUP Susanne

RODRIGUEZ Nathalie

VAN TICHELEN Sonja

VINCENTEN Joanne

VON ESSEN Garlich

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Novembru 2009.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni
Meglena KUNEVA
Membru tal-Kummissjoni